MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 1145/2001/1

**Victor u Emilia konjugi Spiteri Sacco**

**v.**

**Tiles and Marble Manufacturing Company Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi li taqra hekk:

“Peress illi b’skrittura tas-27 ta’ April, 2001 (li kopja taghha qieghdha tigi hawn ezebita bhala Dokument ‘A’) is-socjeta’ konvenuta debitament rapprezentata ddikjarat illi

xtrat u akkwistat minghand l-attur Victor Spiteri Sacco zewg “thorns” bil-prezz ta’ sitt elef lira maltija (Lm6000);

“Peress illi s-socjeta’ konvenuta hallset lill-atturi s-somma ta’ elfejn lira maltija (Lm2000) biex b’ hekk fadal bilanc favur l-atturi ta’ erbat elef lira maltija (Lm4000) li kellu jithallas, skond l-imsemmija skrittura b’pagament ta’ Lm1000 pagabbli fil-15 ta’ Mejju, 2001 u l-bilanc b’pagamenti ta’ tlett mitt lira fix-xahar, l-ewwel pagament isir fil-15 ta’ Gunju, 2001;
“Peress illi l-konvenut nomine offra hlas ta’ elf lira Maltija (Lm1000) permess ta’ cekk datat 15 ta’ Mejju, 2001, liema cekk ma giex onorat (Dokument B);

“Peress illi ghalkemm interpellat b’ittra bonarja ta’ l-4 ta’ Gunju, 2001 sabiex ihallas is-somma bilancjali l-konvenut baqa’ inadempjenti minghajr raguni valida fil-ligi;

“U peress illi d-debitu huwa cert, likwidu u skadut u l-attur Victor Spiteri Sacco qieghed jannetti ma’ din ic-citazzjoni affidavit guramentat skond id-dispozizzjonijiet ta’ l-artikoli 167 et seq tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta (Dokument C);

“Tghid ghalhekk is-socjeta’ konvenuta ghaliex, ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:-

“1. Taqta’ u tiddeciedi din il-kawza bid-dispenza tas-smiegh skond it-talbiet attrici;

“2. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas is-somma ta’ elf u tlett mitt lira maltija (Lm1300) lill-atturi;

“Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra bonarja ta’ l-4 ta’ Gunju, 2001 u tal-mandat ta’ sekwestru u ta’ qbid u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ukoll ingunta ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

"1. Illi l-makkinarju ikkonsenjat mill-atturi lis-socjeta' konvenuta ma hux tal-kwalita' pattwita peress li ma jiffunzjonax u ghalhekk hemm lok li ssir riduzzjoni fil-prezz tenut kont tal-ispiza necessarja biex il-makkinarju de quo jigi rez funzjonanti.

"2. Illi l-makkinajru ikkonsenjat mill-atturi lis-socjeta konvenuta ma hux fil-kondizzjoni li kien fiha meta sar il-ftehim u ghalhekk ukoll hemm lok li ssir riduzzjoni fil-prezz.

"Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Marzu 2009 li in forza taghha laqghet l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta u cahdet it-talbiet kollha attrici; spejjez kollha kontra l-atturi;
Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"L-atturi jippremettu li bi skrittura tas-27 ta' April, 2001 is-socjeta' konvenuta akkwistat minnghandhom makkinarju, cioe' zewg tornijiet, bil-prezz komplessiv ta' sitt elef lira maltija (Lm6000), li minnhom l-istess socjeta' konvenuta hallset biss is-somma ta' elfejn lira maltija (Lm2000). Il-bilanc kellu jithallas b'pagament ta' Lm1000 fil-15 ta' Mejju, 2001 u l-kumplament b'pagamenti ta' tlett mitt lira (Lm300) fix-xahar. L-atturi jkomplu jippremettu li s-socjeta' konvenuta halset is-somma ta' elf lira Maltija (Lm1000) permess ta' cekk, liema cekk, pero', ma ssarrafx. Ghalhekk l-atturi qed jitolbu li s-socjeta' konvenuta tigi kundannata thallas l-ammont li kien dovut fil-gurnata tal-presentata tal-presenti citazzjoni u cioe' s-somma ta' elf u tlett mitt lira maltija (Lm1300).

"Is-socjeta' konvenuta da parti taghha qed teccepixxi li l-makkinarju in kwestjoni li gie konsenjat lilha ma kienx tal-kwalita' pattwita stante li l-istess makkinarju ma jiffunzjonax u l-istess makkinarju mhux fil-kondizzjoni li kien fiha meta sar il-ftehim.

“In effett jirrizulta li s-socjeta’ konvenuta xtrat l-imsemmija tornijiet minnghand l-atturi ghall-imsemmija somma ta’ sitt elef liri flus maltin (Lm600). Is-socjeta’ konvenuta mal-ftehim hallset biss somma akkont u sar ftehim kif kellhom isiru l-pagamenti sussegwenti.

“Mill-provi jirrizulta li wara li sar il-ftehim in kwestjoni, cioe’ fis-27 ta’ April 2001, is-socjeta’ konvenuta ma haditx minnufih il-konsenja tal-makkinarju. In effett jidher li kienet is-socjeta’ konvenuta li kella tigbor il-makkinarju pero’ mhux immedjatament u in effett l-atturi gew infurmati li kellu jghaddi xi zmien qabel ma s-socjeta’ konvenuta tiehu ghandha l-makkinarju.

“Eventwalment is-socjeta’ konvenuta gabbret il-makkinarju in kwestjoni. Fil-frattemp, cioe’fil-eriodu minn meta sar l-imsemmi ftehim sakhemm is-socjeta konjvenuta gabret il-makkinarju, u dan kif jammetti l-istess attur, xi hadd, mhux maghruf, dahal ghand l-attur u seraq partijiet essenzjali mill-magni in kwestjoni. L-attur inoltre kkonferma li minnghajr il-partijiet tal-makkinarju li nsterqu, l-istess makkinarju ma seta qatt jahdem.

“Jirrizulta ukoll li l-ewwel darba li direttur tas-socjeta’ konvenuta ra l-makkinarju in kwestjoni kien fil-fabbrika tal-atturi li dak iz-zmien kienet pjenament funzjonanti. Wara certu zmien, cioe’ wara xi sena, l-istess direttur rega’ ra l-makkinarju li pero’ ma kienx qed jithaddem. Kien f’dawn ic-cirkostanzi li sar il-ftehim bejn il-partijiet sabiex jinxtara l-istess makkinarju. Hu ovvju li l-makkinarju nxtara bhala makkinarju li jahdem. Meta l-makkinarju ttiehed fil-fabbrika tas-socjeta konvenuta nstab li l-istess makkinarju ma kienx jahdem. Irrizulta li kellu kemm partijiet mekkanici kif ukoll partijiet elettronici neqsin. Il-produtturi tal-makkinarju kkonfermaw li bil-partijiet neqsin il-makkinarju ma seta qatt jahdem.

“Minn dawn ir-rizultanzi hu evidenti li ma giex konsenjat nakkinarju skond kif miftiehem. L-atturi kienu jafu li s-soocjeta’ konvenuta kienet ser tigbor il-makkinarju mhux immedjatament izda wara certu zmien mill-ftehim. In effett is-socjeta’ konvenuta nghatat makkinarju inutili u ma

jahdimx. Meta ngabar il-makkinarju l-atturi kienu jafu li l-makkinarju kellu partijiet tieghu neqsin u kienu jafu ukoll li fl-istat li kien fih, il-makkinarju ma setghax jahdem. Kwindi tirrizulta sufficjentement pruvata l-pretensjoni tas-socjeta' konvenuta rigwardanti li l-makkinarju li effettivament gie konsenjat lilha ma kienx tal-kwalita' pattwita. Kwindi l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta ghandha tigi akkolta u konsegwentement it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu rigettati."

Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu illi din il-Qorti joghgobha tilqa' l-appell u tilqa' t-talbiet tal-atturi bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta;

Rat ir-risposta tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi l-appell interpost mill-atturi appellanti ghandu jigi michud bl-ispejjez;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza jirrizulta li l-atturi bieghu magna lis-socjeta` konvenuta bil-prezz ta' Lm6,000, li minnha fadal bilanc ta' Lm1,300, li l-atturi talbu li s-socjeta` konvenuta tkun ikkundannata thallas. Is-socjeta` konvenuta eccepiet illi dan il-bilanc mhux dovut peress li ghandu jkun hemm tnaqqis fil-prezz tal-magna, peress li din ma kienitx ta' kwalita` pattwita.

Jirrizulta li bejn il-ftehim tal-bejgh u l-konsenja ghadda hafna zmien u fil-frattemp kien sar serq ta' partijiet tal-makkinarju bir-rizultat, kif ammettew l-istess atturi, li l-magna ma setghetx tahdem.

L-ewwel Qorti sabet favur is-socjeta` konvenuta, u ddecidiet li l-bilanc mitlub ma kellux jithallas.

L-atturi appellaw mis-sentenza u ressqu erba' aggravji: (i) li s-socjeta` konvenuta zammet il-magna nonostante li kellha xi partijiet neqsin u ghalhekk trid thallas il-prezz pattwit; (ii) illi l-allegazzjoni li l-oggett mhux ta' kwalita` pattwita ma setghetx tigi sollevata *in via di eccezzione*, izda kien mehtieg li ssir kawza *ad hoc*; (iii) illi l-ewwel Qorti marret lil hinn minn dak mitlub u dak li gie eccepit *in via di eccezzione*, meta cahdet it-talbiet tal-atturi; u (iv) ma saritx prova ta' hsarat jew nuqqasijiet fil-magna.

Trattat l-ewwel aggravju, din il-Qorti tara' li l-atturi kienu, forsi, ikollhom ragun li kieku s-socjeta` konvenuta ghazlet li tirrifjuta l-haga u titlob id-danni. Skont gurisprudenza kostanti xerrej ma jistax, filwaqt li jkompli jzomm il-haga mhux tal-kwalita` mifthema, jirrifjuta li jhallas il-prezz tal-haga jew il-bilanc u jissottometti li hu ma jridx dik il-haga (ara **Tonna v. Jupiter Co. Ltd**, deciza minn din il-Qorti Sede Inferjuri, fid-29 ta' Mejju 2009). F'dan il-kaz, pero`, is-socjeta` xerrejja ma ghazlitx li tirrifjuta l-haga, izda ghazlet li tircievi u zzomm il-haga bi prezz anqas, ghazla koncess lilha bl-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili. La darba s-socjeta` konvenuta ghazlet li zzomm l-oggett, hi ma kienitx obbligata tirritorna l-oggett lill-atturi jew tiddepozita l-makkinarju taht l-Awtorita` tal-Qorti. Li zzomm l-oggett kien totalment fl-ambitu tad-drittijiet taghha la darba ghazlet li titlob biss tnaqqis fil-prezz.

Dwar it-tieni aggravju, din il-Qorti tinnota li l-atturi, fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2002, quddiem l-ewwel Qorti kienu issollevaw din il-kwistjoni b'mod formali (fis-sens, li n-nuqqas tal-kwalita` pattwita kellha tigi sollevata f'kawza *ad hoc* u mhux b'eccezzjoni f'kawza ghall-hlas tal-prezz tal-oggett), izda, f'udjenza sussegwenti, u precizament dik tat-2 ta' Marzu 2004, quddiem l-istess Qorti, l-atturi <u>irtiraw</u> dik is-sottomissjoni u ma jistghux issa jissollevaw kwistjoni li kienu gia` irtiraw quddiem l-ewwel Qorti. Sottomissjoni bhal dik, kieku intlaqat, kienet tkun fatali ghan-natura tal-eccezzjoni, izda giet imwarba mill-konsiderazzjoni tal-Qorti b'decizjoni espressa tal-atturi, u din il-Qorti ma tistax, ghalhekk, tqis dak l-aggravju. Dan apparti li hemm gurisprudenza li tghid li filwaqt li eccezzjoni marbuta ma' difett mohbi f'oggett in vendita ma tistax issir, mhux l-

istess jista' jinghad f'kaz ta' eccezzjoni bbazata fuq kunsinna ta' haga mhux ta' kwalita` mwieghda; din il-gurisprudenza hi fis-sens li tali eccezzjoni tista' titqajjem bhala difiza f'azzjoni intentata mill-bejjiegh ghall-hlas tal-prezz (ara fost ohrajn, **Camilleri v. Sayles**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Gunju 2003, **Farrugia noe v. Xuereb noe**, deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri fl-4 ta' Mejju 2005 u **Dalli v. Patiniott**, deciza minn din il-Qorti fid-19 ta' Mejju 2000).

Ghar-rigward tat-tielet aggravju, jirrizulta li t-talba attrici kienet intiza ghal hlas tal-bilanc tal-prezz, u s-socjeta` konvenuta ma talbitx ir-rexxissjoni jew thassir tal-bejgh, izda biss riduzzjoni fil-prezz minhabba nuqqasijiet. Is-socjeta` konvenuta qed tistrieh fuq l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili li jaghti dritt lix-xerrej jitlob tnaqqis fil-prezz tal-oggett jekk il-bejjiegh igib biex jikkunsinna oggett li ma jkunx tal-kwalita` mwieghda jew ma tkunx bhall-kampjun li fuqu l-bejgh ikun sar. Hawnhekk, pero`, il-bejgh ma sarx fuq kampjun ghax l-oggett inxtara wara li l-istess gie muri lix-xerrej. Irrizulta, wara l-konsenja, li l-oggett ma kienx jahdem sew, izda dan mhux ghax ma kienx tal-kwalita` miftiehma, izda ghax insterqulu diversi *parts* importanti. Dan is-serq, pero`, sehh <u>wara li sar il-ftehim tal-bejgh</u>. Ir-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta, Victor Galea, xehed hekk dwar kif sar il-bejgh:

*"Nikkonferma li jiena fil-fatt kont tajtu d-depozitu lill-Spiteri Sacco meta kont rajt it-torn jiffunzjona, cioe` go fabbrika funzjonabbli u konna ftehemna f'dik l-okkazzjoni kemm fuq il-prezz, kif ukoll fuq il-haga li kont qed nixtri, id-depozitu ghalhekk li tajtu kien akkont tal-prezz li konna ftehemna."*

Dan ifisser li l-bejgh kien sar dankinhar li l-ufficjal tas-socjeta` konvenuta ra l-oggett jahdem. La darba hu hekk, ghandu japplika l-Artikolu 1347 tal-Kodici Civili li jiddisponi kif gej:

*"**1347.** Il-bejgh hu perfett bejn il-partijiet, u kwantu ghall-bejjiegh, il-proprjeta` tal-haga tghaddi ghand ix-xerrej, malli jsir il-ftehim fuq il-haga u fuq il-prezz, ghalkemm il-*

*haga tkun ghad ma gietx ikkunsinnata u lanqas ma jkun ghad thallas il-prezz; u minn dak il-hin il-haga nfisha tibqa' ghar-riskju u ghall-uzu tax-xerrej."*

Darba li l-bejgh kien perfett meta l-ufficjal tas-socjeta` konvenuta ra l-magna tahdem, u sar ftehim fuq il-prezz u l-haga, il-magna baqghet ghand l-attur "ghar-riskju" tax-xerrej. Il-venditur, kif kien obbligu tieghu, ikkonsenja l-oggett innifsu li fuqu sar il-ftehim, u ghall-*parts* li nsterqu ghandu jwiegeb ix-xerrej, is-socjeta` konvenuta. Il-kwalita` tal-magna kienet tajba pero`, kellha partijiet nieqsa li nsterqu <u>wara</u> l-ftehim, meta l-oggett kien ghadu ghand il-bejjiegh "ghar-riskju" tax-xerrej. Ix-xerrejja, is-socjeta` konvenuta, ma wrietx li s-serq tal-*parts* sehh b'negligenza jew bi htija tal-attur, u allura trid tiehu l-oggett fl-istat li hu u thallas ghalih il-prezz miftiehem. Fil-kawza **Cranes & Commercial Sales Ltd v. Micallef**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Novembru 2003, intqal hekk a propozitu ta' dan l-artikolu u fil-kuntest ta' bejgh ta' vettura:

*"Dan ifisser illi ladarba l-kontendenti ftehmu fuq il-vettura u fuq il-prezz, anke kieku stess il-vettura kienet ghadha ma gietx konsenjata lill-konvenut, u dan kien ghadu ma hallasx il-prezz tal-bejgh, minn dak il-hin li sar il-ftehim, il-vettura ghaddiet fil-proprjeta` tal-konvenut u ghar-riskju tieghu. Il-bejgh ghalhekk jista' jitqies perfezzjonat. Ara* ***Vol. XXXIII P I p 670*** *u* ***Vol. XXXVII P II p 632****;*

*"In effetti, kif osservat, "la vendita commerciale, come la vendita civile e` perfetta, appena si conviene sulla cosa e sul prezzo e la proprieta` della cosa venduta si trasmette al compratore al momento in cui segue la vendita` ... e pertanto la merce e` a rischio del compratore appena questi ne diviene proprietario." (****Vol. XX P III p 29****);"*

Dan kollu japplika ghal dan il-kaz.

It-talbiet tal-attur ghandhom, ghalhekk, jigu milqugha ghax ladarba l-bejgh hu perfett, ix-xerrej irid ihallas il-prezz kollu miftiehem.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-atturi, billi tilqa' l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti, u tghaddi biex tilqa' t-tieni talba attrici, u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' €3,028.19 (ekwivalenti ghal Lm1,300), bl-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mill-istess socjeta` konvenuta appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------